# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Illum, il-Ħamis, 3 ta' Ġunju, 2021**

**Numru 25**

**Rikors Numru 377/21 TA**

**Frutti di Mare Company Limited (C20089)**

**vs**

**Dusk & Dawn Co Limited (C21800)**

**Joseph Camilleri (ID 533455M)**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ġuramentat ta' Frutti di Mare Company Limited (is-Soċjeta' Attriċi) tat-23 ta' April 2021 li permezz tiegħu ppremettiet u talbet is-segwenti:

"Dikjarazzjoni tal-Oġġett tal-Kawża

1. Il-kumpanija rikorrenti hija kumpannija b'responsabbilita` limitata, debitament reġistrata ġewwa Malta (Dok. 'FDM') li tiġġestixxi negozju ta' bejgħ u fornitura ta' ħut frisk u ffriżat.

2. Il-kumpanija rikorrenti hija kreditriċi tal-intimati fis-somma kumplessiva ta' mija u tmint elef u tmien mija u disgħa u ħamsin ewro u tlieta u sebgħin ċenteżmu (€108,859.73ċ) rappreżentanti din is-somma prezz bilanċjali dovut lill-kumpannija rikorrenti versu l-bejgħ u kunsinna ta' ħut frisk u ffriżat.

3. Filfatt mis-somma globali fatturata ta' mija u ħdax-il elf, tlett mija disgħa u ħamsin ewro u tlieta u sebgħin ċenteżmu (€111,359.73) tħallset biss is-somma ta' elfejn u ħames mitt ewro (€2,500) biex b'hekk fadlilha tħallas l-ammont hawnhekk reklamat ta' mija u tmint elef u tmien mija u disgħa u ħamsin ewro u tlieta u sebgħin ċenteżmu (€108,859.73ċ). (ara Dok A);

4. Il-kumpannija intimata qatt ma kienet puntwali fil-ħlasijiet pattwiti u fil-fatt, permezz ta' skrittura datata l-1 ta' Frar 2020, il-konvenut, Joseph Camilleri iggarantixxa personalment għad-debitu dovut mill-kumpanija konvenuta Dusk & Dawn, filwaqt li sar ftehim li l-ħlas jsir permezz ta' pagament mensili (ftehim anness u mmarkat bħala Dok B);

5. Minkejja l-interpellazzjoni datata 19 ta' Frar 2021 l-intimati baqgħu inadempjenti. (Dok C);

6. B'hekk il-kumpannija rikorrenti hija kreditriċi tal-intimati fl-ammont kumplessiv ta' mija u tmint elef u tmien mija u disgħa u ħamsin ewro u tlieta u sebgħin ċenteżmu (€108,859.73ċ);

7. Dawn il-proċeduri qiegħdin jiġu promossi ai termini tal-Artikolu 167 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, l-intimati ma għandhomx eċċezzjonijiet x'jagħtu u għaldaqstant il-kawża tista' tiġi deċiża ai termini tal-istess Artikolu 167 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

8. Darren Said (K.I. nru 9689M), direttur uniku tal-kumpanija rikorrenti u kif debitament awtorizzat mill-istess, jaf b'dawn il-fatti kollha personalment."

<u>Raġuni tat-Talba</u>

1. Għar-raġunijiet premessi, kellhom jiġu stitwiti dawn il-proċeduri.

<u>Talbiet</u>:

Jgħidu għalhekk l-intimati 'l għaliex din l-Onorabbli Qorti ma għandhiex, prevja kwalunkwe dikjarazzjoni neċessarja u opportuna:

1. Taqta' u tiddeċiedi din il-kawża bid-dispensa tas-smiegħ ai termini tal-Artikolu 167 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

2. Tikkundanna, għar-raġunijiet premessi, lill-intimati, jew min minnhom, sabiex iħallsu lill-kumpanija rikorrenti s-somma bilanċjali kumplessiva ta' mija u tmint elef u tmien mija u disgħa u ħamsin ewro u tlieta u sebgħin ċenteżmu (€108,859.73ċ) kif fuq spjegat.

Bl-imgħax, mid-data illi l-kreditu reklamat sar dovut, sad-data tal-effettiv pagament, u bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-mandati ta' sekwestru u qbid intavolati kontestwalment ma' din il-kawża, kontra l-intimati illi huma minn issa nġunti għas-subizzjoni.

B'riżerva ta' kull azzjoni oħra spettanti lill-kumpannija rikorrenti."

Rat li din hija kawża bil-proċedura sommarja speċjali fit-termini ta' dak li jiddisponi l-artiklu 167 tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta;

Rat li kemm is-Soċjeta' Dusk & Dawn Co Limited u Joseph Camilleri (il-konvenuti) notifikati kif trid il-liġi baqgħu ma dehrux quddiem din il-Qorti;

Rat l-atti u dokumenti kollha tal-Kawża;

Semgħet lir-rappresentant tas-Soċjeta' Attriċi Darren Said jikkonferma bil-ġurament fis-seduta tas-27 ta' Mejju 2021 li l-ammont reklamat f'dawn il-proċeduri għadu dovut;

Rat li l-Kawża tħalliet għal-lum bid-dispensa tas-smiegħ kif trid il-liġi.

## Konsiderazzjonijiet

Kif ingħad, din hija kawża bil-proċedura speċjali sommarja. Ġaladarba li l-konvenuti deherilhom li ma għandhomx jidhru biex jgħidu jekk din il-Kawża għandhiex tibqa' tinstema' sommarjament, il-Qorti hija tenuta li tilqa' t-talbiet Attriċi. Di piu', din il-Qorti hija sodisfatta li ġew osservati d-dettami tal-liġi biex din il-Kawża tinqata' b'mod sommarju u sodisfatta ukoll l-ammont reklamat huwa tassew dovut. L-ammont dovut huwa dak mija u tmint elef u tmien mija u disgħa u ħamsin ewro u tlieta u sebgħin ċenteżmu (€108,859.73ċ).

Bħala imgħaxijiet il-Qorti ħadet inkonsiderazzjoni li din hija obbligazzjoni kummerċjali. Pero' fiċ-ċirkostanzi stante li l-ammont kollu mitlub jirrisulta li mid-dokumenti ilu hekk dovut sa mill-4 ta' Jannar 2020 l-imgħaxijiet legali ser jingħataw minn din id-data sal-pagament effettiv (ara a' fol 25).

## Decide

Għaldaqstant din il-Qorti qegħdha taqta' u tiddeċiedi l-Kawża bil-mod segwenti:

**Tilqa'** l-ewwel talba.

**Tilqa'** it-tieni u konsegwentement tikkundanna lill-konvenuti sabiex iħallsu lis-Soċjeta' Attriċi s-somma bilanċjali kumplessiva ta' mija u tmint elef u

tmien mija u disgħa u ħamsin ewro u tlieta u sebgħin ċenteżmu (€108,859.73ċ) bl-imgħaxijiet legali mill-4 ta' Jannar, 2020 sal-pagament effettiv.

Bl-ispejjes inklużi dawk bl-imgħaxijiet legali mill-4 ta' Jannar 2020 sal-pagament effettiv.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**